MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-8 ta' April, 2008

Numru 960/3

Il-Pulizija
(Spettur Neville Aquilina u Paul Vassallo)

vs

Emmanuel Ellul

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 24564(M) akkuzat talli f’dawn il-gzejjer, f’dawn l-ahhar hames snin, b’diversi atti wkoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li jkunu gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda:

1. wettaq kummerc ta’ istituzzjoni finanzjarja f’Malta jew barra minn Malta u dan minghajr licenzja moghtija taht l-Att dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji, u dan ai termini tal-Artikolu 3 tal-Kap. 376 dwar l-Istituzzjonijiet Finanzjarji, billi ghamel self ta’ flus lil Kevin Zammit miz-Zebbug.

2. sar recidiv skond l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati u Qorti ta’ l-Appell, datati 10.4.1985 u 24.3.1992 (Qorti ta’ l-Appell).

Rat in-nota tal-Avukat Generali skond ai termini tal-Artikolu 23(2) tal-Kap 376 u wkoll il-kunsens tieghu sabiex il-kawza tinstema’ sommarjament;

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kawza tinstema sommarjament;

Semghet ix-xhieda wkoll tal-imputat li ghazel li jixhed;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

L-imputat qieghed jigi akkuzat li ghamel kummerc riservat lill-istituzzjoni finanzjarja meta nnegozja fit-tislif ta’ flus, attivita’ elenkata fl-ewwel skeda tal-Kap 376, u n-vjolazzjoni tal-Artikolu 3 tal-istess Kap 376.

Bhala fatt l-imputat innifsu jirrikonoxxi li kien silef xi ammonti ta’ flus lil xi terzi, fosthom lill-certu Kevin Zammit, li jissemma fl-akkuza u li xehed f’dawn il-proceduri. Fatt innegabbli però, li johrog wisq car mill-provi hu, li minn imkien ma jirrizulta li l-imputat kien fil-mistier li jsellef flus. Fi kliem iehor u eskluz li l-imputat kien ‘sar qisu bank’. It-tislif ta’ flus li kien jaghmel l-imputat, u skond ma jirrizulta mill-provi, la kien wiehed regolari jew abitwali u lanqas kien qatt ix-xoghol regolari tan-negozju tieghu. Kwindi u f’kull kaz ir-reat addebitat lilu li silef flus illegalment fl-ebda ipotesi kontemplata fl-Artikolu 3 tal-Kap 376 ma treggi, la kif kienet originarjament u lanqas kif emendata bl-Att XVII tat-2002. Targa u tghid fil-konfront ta’ Kevin Zammit is-self jirrizulta li sar f’okkazjoni ta’ darba u l-okkazjonijiet sussegwenti kienu avanzi ta’ flus f’negozju li kien intiz li jsir bi shab bejniethom izda li ma kienx irnexxa u fl-ahhar issarraf fl-att pubbliku ta’ kostituzzjoni ta’ dejn esebit in atti.

In vista ta’ dan ghalhekk il-Qorti mhux qeghda ssib li l-ewwel akkuza giet pruvata u konsegwentament lanqas it-tieni.

Ghaldaqstant tillibera lill-imputat minn kull akkuza, htija u piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------